**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2017**

Talba Numru: 122/2017 AM3

Numru fuq il-Lista: 15

**GO plc (C22334)**

**Triq Fra Diegu,**

**Marsa**

**MRS 1501**

**Vs**

**Raymond Brincau (287484M)**

**36, Mayfair, Flat 2,**

**Triq il-Kanun,**

**Santa Venera**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-10 ta' Marzu, 2017 li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet minghand il-konvenut is-somma ta' tlett elef seba mija u sebgha u disghin ewro u centezmu (€3,797.01c) in kwantu ghal elf tlett mija u sebgha u sittin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€1,367.82c) in konnessjoni ma' servizzi migbura

fil-kont bin-numru 40284622; elf mitejn u sebgha u erbghin ewro u tmienja u tletin centezmu (€1,247.38c) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40361518; u elf mija wiehed u tmenin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€1,181.81c) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40404268.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax  il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk  għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, dan it-Tribunal wara li sema rapprezentant tas-socjeta' attrici jikkonferma li l-ammont ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici  tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u ghaldaqstant tordna lil konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef seba' mija u sebgha u disghin ewro u centezmu (€3,797.01c) bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali 438/16  jew id-data tal-prezentata ta' dan l-avviz, liema wahda tigi l-ewwel,  sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-attrici ufficjali 438/16, huma a kariku tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**

**Ġudikatur**